MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Numru. 30/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Spettur Louise Calleja**

**V**

**RITA VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **RITA VELLA** ta' erbgha w erbghin sena, bint Isodoro Mizzi u Lucija nee Mercieca, imwielda Victoria, Ghawdex nhar s-sebgha ta' Lulju 1960 u residenti 'Casa Vella' Triq Viani, Rabat, Gawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 21560G giet imressqa quddiemha akkuzata talli f'Ghawdex, u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2004, b'diversi atti maghmula minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, eccitat, ghenet jew iffacilitat l-korruzzjoni ta' persuna taht l-eta u cioe ta' Charlon Bugeja minuri ta' disgha snin.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibit fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta' Novembru 2005 esibit fl-att bhala dokument CSH 5 [fol 5] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata, din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet lil imputata tiddikjara fis-seduta tas-sbatax ta' Novembru 2005, u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta [fol 6].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjnoni u lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Rat d-dokumentazzjoni kollha esibita.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta' Novembru **2005 xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 8] fejn spjega kif ghal ahhar ta' Ottubru 2004, kien ircieva ittra minghand Dottor Anton Refalo fejn fost affarijiet ohra, kien allega li l-imputata fid-drabi li kienet tkun fdata bil-kura u kustodja ta' tifel minuri, Charlon, waqt li ommu kienet tkun ghax-xoghol, kienet tghid certu diskors li joffendi l-pudur pubbliku fil-presenza tal-istess minuri.

Huwa ghalhekk baghat ghal imputata u wara li taha s-solita twissija, din cahdet b'mod kategoriku li qalet xi kliem li joffendi l-pudur pubbliku quddiem il-minuri. Hu ghalhekk irrefera l-kaz lid-Dipartiment tal-Vice w inhargu l-akkuzi relattivi. L-istess Spettur fix-xhieda tieghu jghid ex admissis [fol 8] "li ma kienx hemm affarijiet kbar izda kienet qalet xi kliem lil minuri waqt li kien qed jiekol hot

dog "*li qisu l-pesisa ta' missierek*' u li '*missieru kien pufta ghax idawwar sormu*.' "

Huwa esibixxa l-ittra li rcieva minghand missier l-minuri Joseph Bugeja bhala dokument PS u minn ezami tal-istess jirrizulta li huwa kien qed jallega li l-imputata titkellem b'mod vulgari, indecenti u skandaluz fil-konfront tal-imputata. F'dan l-hin x-xhud zied jghid li Joseph Bugeja kien qed jallega li l-imputata qalet wkoll lil dan l-minuri, li rat lil missieru '*ma zewg nisa, wahda ma halqu u l-ohra mal-pesisa u lil missierek narah jinhasel u naralu l-pesisa*'.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha d-dokument PS minn fejn jirrizulta li effettivament Joseph Bugeja, missier il-minuri, allega hafna aktar milli fil-fatt qal l-Ispettur fix-xhieda tieghu.

Allega li:

1. Mikelina Azzopardi ammettiet quddiem il-minuri Charlon Bugeja li kienet tat testimonjanza falza quddiem l-Assistant Gudizzjarju u li xehed b'mod doluz u falz;

2. Li kien hemm swat u theddid lil minuri minn Anthony Formosa u Annette Farrugia;

3. Li kien hemm theddid fil-konfront tal-minuri sabiex ibiddel l-versjoni tieghu mal-pulizija u rapport li kien ghamel fuq swat b'cintorin;

4. Li kien hemm atti indicenti fil-konfront ta' Anthony Formosa talli fix-xahar ta' Awissu 2004 fil-bajja tar-Ramla, neza' gharwien quddiem il-minuri Charlon Bugeja;

5. Li kien hemm kliem vulgari, indicenti u skandaluz fil-konfront tal-imputata meta ghaddiet rimarki quddiem il-minuri kif stqarr l-istess ufficjal tal-pulizija Maurice Curmi;

6. Li l-imputata ingurjatu u mmalafamatu mal-minuri Charlon Bugeja.

Illi ghalkemm saru dawn l-allegazzjonijiet kollha, jidher li l-prosekuzzjoni pero ressqet lil imputata w akkuzata **biss** bir-reati odjerni dwar il-kliem indicenti, skandaluz u vulgari li qalet fil-konfront tal-imputata.

**Joseph Bugeja** xehed nhar t-tnax ta' Jannar 2006 [fol 19] u beda biex jghid li martu u hu jinsabu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni personali u li l-minuri Charlon u ohtu Liliana, jinsabu fil-kura tieghu.

Qal li pero martu Miriam Bugeja kellha access ghat-tifel u gieli t-tifel kien jirkeb fil-karozza mal-imputata u martu u l-imputata kienet tghaddilu xi kummenti.

Qal li ibnu rrapportalu li l-imputata kienet tghidlu li tarah jinhasel 'bil-pesisa barra' meta fil-fatt dan ma kienx minnu. Qal li qalet wkoll li kienet tarah ma zewg nisa 'wahda ma halqu u l-ohra mal-pesisa' u li huwa 'pufta ghax idawwar sormu.' U minhabba f'hekk li kien mar ghand l-avukat tieghu w iddecida li jiehu l-psssi li ha fil-konfront tal-imputata, ghalkemm qal li ma xtaqx li l-proceduri jitkomplew.

Illi **l-minuri Charlon Bugeja**, nhar t-tnejn ta' Frar 2006, xehed permezz tal-*video conferencing* u qal li verament Rita Vella li tigi l-habiba ta' ommu, li kienet qaltlu kliem mhux xieraq u fil-fatt ikkonferma b'mod preciz dak li qal missieru, ghalkemm zied jghid li dan l-kliem sar quddiem ommu meta kienu fil-karozza tal-imputata jew f'xi petrol station.

Qal wkoll li ommu kienet tidhaq meta tisma dan d-diskors. Qal li huwa kien ilu ma jara lil ommu ghal perjodu ta' sena u li waqt li kien ikun d-dar, ghand l-imputata, kien jaghmel l-*homework* ma Lucienne, bint l-imputata u gieli l-imputata kienet tghamillu xi composition.  Mistoqsi kemm kellha hbieb ommu meta kienet miggielda ma missieru, il-minuri jghid Kelina, Annette u l-imputata.

**L-Ispettur Louise Calleja** xehdet nhar t-tnejn ta' Frar 2006 [fol 30] fejn qalet li hija kienet tkellmet mal-minuri fil-

presenza ta’ persuna mill-Agenzija Appogg wara li kienet giet mghoddija l-kaz minghand l-Assistant Kummissarju. Ikkonfermat li l-laqgha li kellha kienet nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Jannar 2005 u missier l-minuri kien akkumpanjat d-depot ghalkemm qaghad barra waqt li hi tkellmet mal-minuri. Meta hija staqsiet lit-tifel x’kien qed idejjqu, dan wegibha li kienl-kliem zejjed li kienet tghidlu l-imputata. Hija rrepetiet l-istess kliem li kien qal Joseph Bugeja u l-minuri qalilha wkoll li dan l-kliem sar fis-sena 2004.

Ikkonfermat wkoll li kien sar rapport wkoll fil-konfront ta’ Annette Farrugia, habiba ohra ta’omm il-minuri fuq abbuz pero passi kriminali ma kienux ittiehdu ghalkemm kienet giet mitkellma. Din wkoll kienet cahdet dak kollu li kien intqat fil-konfront taghha.
Mistoqsija jekk kellmitx lil omm l-minuri, peress li l-minuri allega li d-diskors infelici sar quddiemha, x-xhud wiegbet fin-negattiv ghalkemm qalet li setgha kellimha l-Ispettur Maurice Curmi.

**L-imputata Rita Vella** xehdet nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 [fol 39] w ikkonfermat li fil-fatt kienet irrilaxxjat stqarrija fis-sena 2004 liema stqarrija hi kkonfermat.

Hi kkonfermat li taf lil minuri u li effettivament kienet ittellghu ghad-duttrina. Qalet wkoll li hija habiba ta’ omm il-minuri u li l-allegazzjonijiet li saru minn missier il-minuri fil-konfront taghha, huma kollha inveritieri u cahdithom fil-totalita taghhom.

Fl-istqarrija taghha tghid li hija ilha taf lil Miriam Bugeja zmien twil ghaliex kienet girien pero saret habiba taghha proprju meta sseparat minn ma zewgha ghaliex kellha bzonn l-ghajnuna. Fil-fatt tghid li gieli halliet lil binha minuri Charlon ghandha. Tghid wkoll li dan Charlon kien ikun kuntent hafna ghandha, jilghab ma uliedha u fil-fatt kien jghid lil ommu biex tigbru wara l-qadi taghha.

Mistoqsija kemm kienet ilha ma tara lil minuri f’Dicembru 2004 u cioe meta rrilaxxjat l-istqarrija, l-imputata wiegbet li kienet ilha ma tarah minn Settembru ta’ qabel ghaliex

Joseph Bugeja ma kienx qed jaghti access lil martu u hija tarah biss meta ikun ma ommu.

Mistoqsija jekk Joseph Bugeja qattx qalilha li ma kellux pjacir li zzommlu t-tifel, wiegbet fin-negattiv.

Mistoqsija jekk qattx qalet xi kliem lit-tifel fuq missieru, l-imputata wiegbet li qaltlu f'okkazzjoni wahda biss meta qatlu biex jghid lil missieru biex ma jobzoqx lir-ragel taghha u xejn aktar. Hija fil-fatt tghid li lit-tifel dejjem tghidlu biex jghid il-verita.

**Miriam Bugeja** [omm l-minuri] xehdet nhar l-erbgha ta' Mejju 2006 [fol 40] w ikkonfermat li lil imputata tafha. Ikkonfermat li fil-present hi u Joseph Bugeja ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u li l-minuri jinsab f'idejh u li ilha ma tara lil binha minn Settembru 2004. Spjegat li l-ġenituri taghha huma mejta, hutha bniet m'ghandhix u ghandha biss huha wiehed w ghalhekk l-hbieb taghha Mikelina, Nikolna u u Annette Farrugia huma qishom l-familja taghha.

Ikkonfermat li l-imputata kienet twassalha tigbor lil binha meta kien ikollha access u gieli halliet lil binha ghandha meta kellha xi qadja x'taghmel. Qalet li quddiemha dskors barra minn loku, qatt ma sar, u li binha qatt ma qalilha li l-imputata qaltlu xi kliem mhux xieraq.

Qalet pero li meta l-minuri kien jghix d-dar maghha u missieru, kien jisma dan il-kliem ghaliex missieru kien jitkellem hekk. Fil-fatt anke kliem mhux xieraq kien jikteb fuq il-hajt u jghid kliem mhux xieraq quddiem uliedu. Hija esibit notamenti li kien jhalli zewgha d-dar meta kienu jghixu taht l-istess saqaf.

Qalet wkoll li zewgha kien ghamel rapport kontra l-habiba taghha Annette Farrugia li allegatament kienet sawtet lil binha bic-cintorin u fil-konfront ta' Kelina Aquilina wkoll kien ghamel rapport. Qalet li ghamel rapport iehor meta qal li huha Anthony Formosa kien dendel lil binhom Charlon go bir jew li ha lil binha fuq xi sies u dan meta ibnu qatt ma kien fil-presenza ta' huha wahdu.

Hija esibit ritratt li juri kliem miktuba fuq hajt. Dan il-kliem verament mhux felici ghaliex fil-fatt jghid li hu cucc, pufta u jghajar lilha qahba.

Esibit wkoll fotokopja ta’ ittri li ma gewx kontestati mill-prosekuzzjoni, bi kliem ‘dahhalhom f’………. ommok’, ‘il-qahba titwieled qahba, qahba trid tmut’, ‘thallat mal-habsin’ u ‘qhab u l………..’.
**Anthony Formosa**, hu omm l-minuri, xehed nhar l-ewwel ta’ Gunju 2006 [fol 53] fejn qal li huwa kien gie mghajjat mill-pulizija ezekuttiva fejn gie allegtat li hu kien ipprova jdendel lil Charlon go bir u huwa kien cahad dan u fil-fatt, spjega li l-pulizija ma haditx passi kontrih. Qal li hu qatt ma heddu hekk, pero go bir mieghu gieli nizzlu, ghax hu jaghmel xoghol fil-bjar.

**Mikelina Aquilina** xehdet nhar l-ewwel ta’ Gunju 2006 [fol 54] fejn qalet li zewgha huwa z-ziju ta’Joseph Bugeja u li gieli zammet lil minuri Charlon maghhom. Qalet li Joseph Bugeja kien allega fil-konfront taghha li hija qalet xi diskors quddiem t-tifel ma martu Miriam li ma kienx minnu. Gie allegat li qalet li riedet tpattiha lil Joseph Bugeja. Qalet li quddiem t-tifel Charlon qatt ma semmiet lil missieru u meta kien ikun fil-hanut taghhom presenti kien ikun hemm wkoll ommu.

**Bernardette sive Annette Farrugia** xehdet nhar l-ewwel ta’ Gunju 2006 [fol 56] u qalet li l-familja Bugeja tafha u fil-fatt tghix faccata ta’Joseph Bugeja. Ikkonfermat li Charlon gieli qaghad ghandha mat-tlett uliedha u kien jilghab maghhom. Qalet li darba minnhom giet rinfaccjata b’rapport minghand Joseph Bugeja b’rapport ghand il-pulizija ezekuttiva fuq allegat swat b’cintorin fuq t-tifel Charlon meta dak l-hin li suppost sawwtitu, t-tifel kien l-privat.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet tal-fatti u cioe dik esposta minn Joseph Bugeja ghan-nom ta’ ibnu minuru u dik esposta mid-difiza li ma hu veru xejn li l-

imputata qalet xi diskors mhux xieraq fil-konfront ta' Joseph Bugeja fil-presenza tal-minuri.

Illi l-akkuza odjerna tistrieh predominentement jekk mhux esklussivament, fuq x-xhieda tat-tifel ghaliex dak li stqarr Joseph Bugeja ma hu xejn hlief detto del detto u cioe ripetizzjoni tal-kliem li qallu ibnu.  Hawnhekk il-Qorti taghmel tahha dak li jistqarr **Archbold** illi "*a child's competency depends not upon his age, but upon his understanding and the duty of speaking the truth.*"

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.
Il-Qorti qabel xejn tghid li f'dan il-kaz hemm stramberija fis-sens li l-ewwel Joseph Bugeja kiteb il-kwerela tieghu u talab lil pulizija ezekuttiva tiehu passi kontra l-imputata fejn ghamel allegazzjonijiet serji.  Imbaghad l-pulizija ezekuttiva, kwazi sena wara l-allegat rapport, tiehu passi pero tippresenta c-citazzjoni fuq aggravju wiehed li semma l-kwerelant fil-kwerela tieghu.  Imbaghad meta il-wleralt xehed l-Qorti nhar t-tnax ta' Jannar 2006, jghid li mhux interessat fl-ezitu ta' dawn il-proceduri tant li ma xtaqx li l-proceduri odjerni jitkomplew.

Issa, il-Qorti ssibha difficli kif fl-ewwel lok jaghmel rapport li l-imputata iffacilitat l-korruzzjoni ta' ibnu meta kellu ghaxar snin u issa ma jridx jiehu passi.

Huwa veru li t-tifel xehed quddiem il-Qorti, pero ma hemmx dubbju li t-tifel huwa trawmatizzat w ghaddej minn problemi kbar minhabba s-separazzjoni tal-genituri tieghu. It-tifel jghix ma missieru u m'ghandux kuntatt ma ommu u fil-fatt missieru waqqaf l-access li ibnu kellu ma ommu proprju fix-xahar ta' Ottubru 2004 meta kiteb il-kwerela in kwistjoni.

Illi allegatament d-diskors li qalet l-imputata il-prosekuzzjoni tghid li sar quddiem omm t-tifel pero haga tal-iskantament li l-prosekuzzjoni lanqas biss harket omm t-tifel tixhed bil-ghan li tikkorrobora dak li allegatament qal binha u lanqas baghtet ghaliha fl-investigazzjoni biex tivverifika dak li kien qed jghid il-minuri.  Kellha tkun d-difiza li tressaq lil omm l-minuri tixhed u tghid li qatt ma semghet xi kliem mhux xieraq mill-imputata fil-konfront ta' zewgha.

Hija haga stramba wkoll kif Joseph Bugeja jghamel rapport fuq t-tlett minn nies hbieb ta' omm t-tifel li wkoll kienu jghinu lil martu meta kellha l-access tat-tifel.  Illi pero haga tal-ghageb, konvinzjoni wahda fil-konfront taghhom mill-Qorti, ma hemmx.

Illi d-difiza ressqet lil hbieb ta' omm t-tifel u l-Qorti setghet tapprezza l-imgieba taghhom u l-mod kif xehdu.  Illi l-Qorti m'ghadha ebda dubbju dwar il-veracita ta' dak li qalu.

Illi jirrizulta wkoll mill-atti li verament missier il-minuri juza lingwagg mhux xieraq quddiem il-minuri molto piu meta tqis dawk n-notamenti li hu kiteb mal-hajt fil-perjodu meta l-familja kienet ghadha unita taht saqaf wiehed.

Il-Qorti thoss li hemm wisq anomosita bejn il-genituri u l-minuri minhabba f'hekk, ma hemmx dubbju li huwa l-istess minuri li qed jizzeffen fin-nofs.

**Il-Qorti** rat li mill-provi prodotti ma hiex konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li verament l-imputata agixxiet bil-mod kif allegat l-pulizija w ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 203A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**,**

**tiddikjara li ma ssibx lil imputata RITA VELLA hatja tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront taghha u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------